KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tnejn u Ħamsin (52)

## It-Tnejn, 13 ta' Awissu, 2018

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fl-4:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Dr.Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**SKUZATI:**

| | |
|---|---|
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |

**MINUTI**

Is-Sindku Edward Said ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**52.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm apoloġija waħda. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri informa lis-Segretarja li ma jistax jattendi minħabba li jinstab ma jiflaħx. Dan ġie skużat minn dawk preżenti.

**52.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-Wieħed u Ħamsin (51) laqgħa tal-10 ta' Lulju, 2018 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**52.3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

***Kuntratt ta' Attivitajiet bil-kolloborazzjoni***- Is-Sindku irringrazzja lil Kunsilliera Dr. Rita Mifsud li sar il-Kuntratt bl-għajnuna tagħha u li beda jintuża.

***Ħaddiema Skema CWS*** – Is-Sindku innota li minflokk il-ħaddiem Andreo Zerafa issa daħal Christian Cremona li bhalissa ser ikun attendant peress li għandu injury.

**52.4. Korrispondenza.**

(6257) Arts Council Malta-Gozo Meeting

(6258) Cir AKL 2018/083- Sqarrija għall-Istampa – laqgħa Plenarja 07/07/18

(6259) Cir AKL 2018/066- POYC Outreach Program "Kun af aktar dwar il-Medicini tiegħek'

(6260) Aqra Miegħi/Read with me

(6261) Avviż Legali 222 tal-2018-Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill

(6262) Cir AKL 2018/084- Call for applicants- youth delegates- 36th and 37th congress sessions

(6263) Cir AKL 2018/085- Application Call: 2021 European Green Capital Award Competition

(6264) IPS Circular No. 05/2018-Sponsorships to attend International Events.

(6265) Applikazzjoni f'word format mehmuża mad-DG Komunikat 01/2018- Termini u Kundizzjonijiet ġodda tal-Fond ta' Ko-Finanzjament

(6266) Cir AKL 2018/072- Dokument l-effett negattiv tal-bżieżaq li jittajru

(6267) Hatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsilli Lokali- Estenzjoni

(6268) Ittra mingħand Wasteserv dwar waste reduction week

(6269) Cir AKL 2018/085- Preżentazzjoni u Noti li ġew ippreżentati waqt sessjoni informattiva fuq l-Evalwazzjni ta' tenders fuq l-EPPS

(6270) Cirkulari Numru SPI7/2018/1- Regolament ġdid dwar il-Protezzjoni tad-data ta' cittadini fil-minuti tal-laqgha. Is-Sindku innota li mill-lum ma nistawx insemmu ismijiet ta' residenti fuq il-Minuti.

(6271) Cirkulari numru SPI9/2018- Skema finanzjarja favur il-Komunita'- Librerija- Is-Sindku innota li din ma tittrattax kotba għal din is-sena. Wara li tkellem mal-librara, hemm bzonn ta' aircondition u purtieri ġodda, anke wara li sar site visit tal-Assoccazzjoni tal-Libreriji dawn innotaw li hemm bzonn dan. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Segretarja ser tagħmel l-applikazzjoni.

(6272) Cir AKL 2018/081- Pendenzi WSC

(6273) Cir AKL 2018/089- Minuti tal-Laqgħa tal-Ezekuttiv nru 9

(6274) Cir AKL 2018/082- Talba ghall-approvazzjoni ta' tabelli No Parking min TM skont il-permess mahrug mill-Kunsill Lokali

(6275) Aktar għajnuna u sapport lil Kunsilli Lokali – minghand TM

(6276) Cir AKL 2018/091- Servizz ta' qbid ta' Ħamiem salvaġġ

(6277) Cir AKL 2018/092- Tabelli No Parking Tow Away Zone- mahruga mill-Kunsilli Lokali

(6278) Ittra rigward Miss Malta 2018

(6279) Cir AKL 2018/008- Inizjattiva MCCF 2018

(6280) Talba għal attivita' fil-Bajja ta' San Blas

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**52.5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku spjega li saret laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar l-izbilanċ finanzjarju tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku, Dr. Josianne Cutajar, u Segretarju Eżekuttiv. Id-Direttur faħħar ħafna l-mod kif qed nipproċedu u li ma jidhirx li hemm sinjali ta' problemi u dan grazzi għal-isforzi li qed isiru.

Is-Sindku ta update rigward is-sitwazzjoni finanzjarja lil Kunsilliera preżenti. Is-Sindku innota li ser naraw jekk jitħallsux pagamenti tad-deficit wara laqgħa ta' Settembru dejjem jekk inkunu f'pożizzjoni sew, u dan minħabba li issa jkun hemm pagamenti ukoll tac-Charter.

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

**52.6 Quarterly Report Jan-June 2018;**

Dan ġie diskuss waqt il-laqgħa tal-Finanzi li saret illum stess flimkien ma' l-Accountant. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament minn dawk kollha preżenti.

**52.7 Offerti Pubbliċi (Tenders u Kwotazzjonijiet);**

**Wine Festival:**

***PA System*** – Is-Segretarja għamlet talba għal kwotazzjonijiet. L-orħos Kwotazzjoni kienet ta' Prostage bl-ammont ta' 1,500 Vat incl. Kien hemm qbil fuq dan.

***Security*** – Ġie maqbul li din tingħata b'direct Order lil Security First Services.

***NLC/14/2018- The Provision of lighting, electrical Systems and ancillary equipment for the Nadur Delicata Wine Festival 2018-*** Kien hemm offerta waħda bl-ammont ta' €6,700 ta' 2Ceemedia. Din qabzet il-budget u ma ġietx rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni u mill-Kunsill. Kien hemm qbil li din tingħata b'direct order peress li waslet l-attivita' u jidħer li l-Kumpanija Nexos lesta li jaħdmuha b'direct order.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***NLC/09/2018- Tender for the installation of new safety mats and new outdoor gym equipment at Belvedere D.C. Cocco palmeri-*** Kien hemm Tlett offerti. Il-Bord ser jerggħa jiltaqgħa peress li kien hemm bzonn ta' clarifications. Kien hemm qbil li jekk kollox ikun konformi tiġi approvata l-orħos offerta wara li tkun rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

***NLC/11/2018- Tender for the supply and installation of new artificial turf at Nadur Football Pitch-*** Kien hemm sitt offerti. Il-Bord ser jerggħa jiltaqgħa peress li kien hemm bzonn ta' clarifications. Kien hemm qbil li jekk kollox ikun konformi tiġi approvata l-orħos offerta wara li tkun rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

***NLC/18/2018- Tender for the replacement of safety mats for Nadur Playing fields (Il-Ħali, San Blas, Gnien il-Kunsill)-*** Kien hemm ħames offerti. Il-Bord ser jerggħa jiltaqgħa peress li kien hemm bzonn ta' clarifications. Kien hemm qbil li jekk kollox ikun konformi tiġi approvata l-orħos offerta wara li tkun rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni

***Kwotazzjoni ta' Knis fi Triq San Blas***- Kien hemm kwotazzjoni waħda li kienet konformi ta' Chris Paul Cardona bl-ammont ta' €2,328 excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

***NLC/13/2018- Kwotazzjoni ta' Knis fi Triq ix-Xagħri***- Is-Segretarja innota li din reggħet inħarget peress li kien hemm zball fid-data tal-għeluq fir-reklam u fil-kwotazzjoni.

**52.8 Post Mortem – Annual Meeting Charter 2018;**

Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud innotat li kien hemm konkoranza kbira tar-residenti u dawn setgħu igawdu ukoll fl-attivitajiet. Hi kompliet tgħid li kien hemm *colloboration team* u dan grazzi għal Sindku Edward Said li kien id-*driving force* wara dan it-team. Kien hemm sens ta' *belongingness* u kien hemm għajnuna kbira mingħand l-għaqdiet li dan huwa kollu pożittiv fuq il-lokalita.

Il-Kunsilliera Dr.Josianne Cutajar innotat li kien hemm kummenti sbieh fuq FB mingħand id-delegazzjoni u dan ihalli impatt pożittiv fuq Malta u t-Turizmu.

Ambaxxatur taż-Zgħażagħ, Matthias Mercieca qal li ic-Charter kien pożittiv u iż-żgħażagħ hadu ħafna gost u ħadmu.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Is-Sindku innota li l-laqgħat ta' qabel ħadmu u l-fatt li kellu fiduċja f'kull min ta responsibilita' dawn għamlu xogħolhom tant tajjeb li ma kienx hemm bzonn ta' *follow up.*

Is-Sindku innota li għal Adult meeting f'Stary Czech Republic (13-16 Settembru) ser jattendu – Eucharist Camilleri, Rita Mifsud Attard, Peter Muscat u Mario Mercieca.

Għal meeting taz-zgħazagħ f' Tisno Croatia (26-30 Settembru) ser jattendu Matthias Mercieca, Frankie Meilak u Caroline Muscat. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-vjaġġ tal-Ambaxxatur taz-Zgħazagħ, Matthias Mercieca jiġi imħallas minn naħa tal-Kunsill peress li mhux ġej Zafferana. Kien hemm qbil fuq dan.

Stryzow Poland (19-22 Ottubru) – Is-Sindku innota li hu interessat jattendi u ser jiġi deċiz min ser jattendi aktar.

Is-Sindku ssuġġerixxa li isir BBQ għal helpers, staff u hosts tac-Charter. Kien hemm qbil fuq dan fil-Bajja ta' Daħlet Qorrot fit-22 ta' Awissu.

**52.9 Attivitajiet, Skemi u Inizjattivi;**

***Wine Festival-*** Is-Sindku ta update dwar il-kiosks tal- ikel, s-sanita u l-Entertainment. Ittellgħu bix-xorti l-bars u dawn ser jehduhom Għaqda Dicembru 13th u Nadur Youngsters FC.

***Halloween-*** Kien hemm qbil li tinzamm fil-gurnata l-attivita' u nahdmu bhal sena ilu.

***Gemellaġġ-*** Is-Sindku innota li hemm grupp ta' 58 persuna. Ġiet ordnata bandiera sabiex neħduha magħna u jonqos nordnaw lasta stainless steel. Is-Sindku kompla jgħid li irridu nibdlu il-Merħba Signs u ssuġġerixxa li isiru b'ritratti sbieħ tan-Nadur. Ġie maqbul dan kollu u ġie maqbul ukoll li jiġu mistiedna s-sindku ta' Cicciano u Baveno. Is-Sindku innota li minn naha tagħhom għadhom qed jiffurmaw il grupp u imbagħad nibdew wara nissetjaw. Is-Sindku ser jipprova jaqgħad grupp zgħir ta' nies biex jgħinu f'dan l-event.

***Gieħ in-Nadur***- Is-Sindku innota li peress li l-proġett tal-grawnd jitlesta f'Ottubru jew Novembru, issuġġerixxa li gieħ in-Naur isir mal-ftuħ uffiċċjali tal-grawnd. Ġiet ordnata shield ġdida għal Gieħ in-Nadur peress li l-antika mimliha. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

**Socjeta Filarmonika Safra f'Baveno**. Is-Sindku innota li l-grupp jidher li magħqud u l-Kunsillier Michael Camilleri ma jistax jattendi. Is-Sindku ssuġġerixxa li tmur is-Segretarja Sue Ellen Bugeja biex tikkordina minfloku. Kien hemm qbil fuq dan.

**Dar Frangisk Grima Safra f'Napli**- Is-Sindku innota li ġie maqud grupp ta' 30 u ser ikunu f'Cicciano. Is-Sindku ssuġġerixxa li jintbgħat magħħom l-iskrivan, Peter Ray Said biex jikkordina. Kien hemm qbil.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jipprovdi bus għal Airport u lura lil grupp ta' Baveno u ta' Cicciano.

***Nagycenk – Hungary*** – Is-Sindku nforma li Nagycenk ser japplikaw ghal programm tal-EU u iridu partner organisations. Kien hemm qbil sabiex nippartecipaw.

## 52.10 Proġetti u Xogħolijiet Oħra

***Offerta Triq Zrajk*** – is-Sindku innota li qed nistennew minn naħa tal-WSC biex jibgħatu l-LA qabel jinbeda x-xogħol.

***M4.3 Rural Roads***- Saret site visit mal-Perit fuq it-toroq. Il-Kunsill naddaf Wied Bingemma biex ikun jista jinbeda x-xoghol. Dan ix-xogħol sar minn Geraldu Attard u Carmel Camilleri peress li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu fuq xogħol ieħor tac-Charter. Is-Sindku innota li l-Kunsill talab għal extension oħra sal-aħħar ta' Ottubru. Kien hemm qbil fuq dan.

***Application UIF Funds -Safety Mats u Outdoor Gym*** - Is-Sindku innota li ma jidherx li ser ikun hemm problema pero għadna nistennew il-konferma fuqhom.

***M4.4***- Is-Sindku innota li hemm applikazzjoni M4.4 Rural tal-ħitan tas-sejjieħ. Hu ssuġġerixxa li tiġi applikata Triq Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil fuq dan.

***Triq Qortin*** – Is-Sindku innota li illum kellha tingħata l-aħħar kisja u tkun lesta.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***UIF Funds*** – Is-Sindku ssuġġerixxa li jinbidlu r-railings ta' l-area ta' Kenuna. Kien hemm qbil fuq dan.

***Community Centre Triq Bingemma*** – Is-Sindku innota li inbiddlu xi policies minn naha tal-Planning Authority u trid terggħa isir applikazzjoni oħra fuq dan. Il-Perit tal-Kunsill ser jieħu ħsieb din l-applikazzjoni.

***Nadur Nadif***- Is-Sindku innota li gie infurmat minn Luke Galea li l-grupp *Nadur Nadif* ser jagħmel clean up fil-15 ta' Settembru. Huma ssuġġerixxew li jsir bin ġdid fil-Ġnien ta' San Blas. Kien hemm qbil fuq dan.

***Milied -*** Ġie deċiz li l-Kunsill jgħin lil Għaqda Hbieb tal-Presepji b'kollaborazzjoni fil-Presepju Ħaj u anke fil-mementos fil-Kompetizzjoni tal-Presepji.

**52.11 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku**

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għamlet reminder rigward tindif tal-passaġġ fl-għelieqi faċċata tal-playing field tal-Ħali.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar resqet ilment rigward bozza li trid tinqala mar-residenza St Peter and St Paul fi Triq Grunju. Is-Segretarja ser tagħmel kuntatt mal-familja u tara fuqha.

Il-Kunsilliera Dr. Josainne Cutajar resqet ilment mingħand familja rigward karozzi li jitellgħu fuq il-bankini fi Triq it-Tigrija. Is-Segretarja ser tgħaddi l-ilment il-MGOZ peress li din Triq arterjali.

Dan il-ħin 17:45 ġiet skuzata l-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar.

Talba għal sement quddiem bankina fi Triq Lazzru Pisani.

Talba għal-ħadida ma bankina fi Triq ir-Rabat.

Il-Perit tal-Kunsill ser jaghmel rapport rigward drenagg mizdud fi Triq Grunju tal-Familja Vella.

Complain uffiċjali rigward tiġijiet f'Daħlet Qorrot.

Talba għal yellow lines fi Triq Fatima ma' Triq il-Madonna ta' Lourdes.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**52.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-6:00p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 10 ta' Settembru, fil-5:00p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva